# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

2662/22

Il-Pulizija

(Spettur Ritienne Gauci )

Vs

Conrad Fava

Il-Qorti;

Illum 22 ta’ April, 2025

Rat l-akkuzi dedotti kontra Conrad Fava, bin Francis u Mary Fava Xebba Borg, imwield il-Pieta`, Malta fl-01/07/1990 u joqghod gewwa 55, Flat 1, Triq Ugo Carbonaro, San Gwann, u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 0317590M.

Billi int akkuzat talli matul ix-xahar ta` Dicembru, 2021 u/ jew granet ohra u xhur qabel f`dawn il-gzejjer Maltin, b`diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, ksirt l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b`rizoluzzjoni wahda;

1. Iddenunzjajt lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq hloqt it-tracci ta` reat b`mod li jistghu jinbdew

procedure kriminali fil-konfront ta` Evangelista Mifsud sabiex jizguraw li dak ir-ret kien sar;

2. Permezz ta` karta miktuba, sew jekk anonima, kemm jekk iffirmata bl-isem tieghek jew b`isem mahluq, heddidt lil Evangelista Mifsud b`xi delitt;

3. U aktar talli fl-istess data lok u cirkostanzi bl-imgieba tieghek ikkawzajt lil haddiehor u cioe` lil Evangelista Mifsud tibza` li se tintuza vjolenza kontriha jew jontra l-propjeta` taghha jew kontra l-persuna jew il-propjeta` ta` xi had mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuni ohra;

4. U aktar talli fl-istess data lok u cirkostanzi gibt ruhek b`mod li tajt fastidju lil persuna ohra u cioe` lil Evangelista Mifsud u gibt ruhek b`mod li kont taf jew imissek kont taf li dan kien fastidju ghal l-istess EvangelistaMifsud;

5. U aktar talli matul ix-xahar ta` Frar, 2022 u /jew granet u xhur qabel permezz ta` xi network jew apparat ta` komunikazzjoni elettronika heddidt li taghmel xi reat; jew bil-hsieb li tiehu xi flus jew xi haga ohra jew biex taghmel xi gwadan, jew bil-hsieb liggieghel lil Evangelista Mifsud taghmel jew tonqos li taghmel xi haga, jew heddidt li takkuza jew li taghmel ilment kontra taghha, jew xi persuni ohra jew ghamilt uzu iehor mhux xieraq bih.

Il-Qorti hija gentilment mitluba tipprovdi ghas-sigurta ta` Evangelista Mifsud bis-sahha ta` l-artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta kif ukoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tipprovdi ghas-sigurta ta` Evangelista Mifsud garanzija ai termini tal-artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f`kaz ta` htija tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta` spejjes li jkollhom x`jaqsmu mal-hatra ta`

esperti jew parti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Fl-ahharnett, il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba tikkunsidra li f`kaz ta` htija, tohrog ordni ta` trattament fil-konfront ta` l-imputat ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Illi Fl-21 ta' April 2022 l-imputat ammetta l-imputazzjonijet fil-konfront tieghu u inghatat Probation Order ghal tlett snini ai termini tal-artikoliu 7 tal-Kap 446 tal-ligijiet ta' Malta .

**Ikkunsidrat**

Illi fl-4 ta Ottubru 2022 L-probation officer Noelene Cassar iddenunzjat lill-imputat ai termini tal-artikolu 21 tal-Kap 446 tal-ligijiet ta' Malta

Illi skada t-terminu ta' Probation ta' Tlett (3) Snin

Illi fic-cirkonstanziu tal-kas jideher li hu idoneju li tinhareg Ordni ta' Trattament ai termini tal-Art 412D Tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex tinghata kura Psikatrika u Psikologika ghal tul tlett (3) snin.

**Decide**

Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi tordna hrug ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront ta' Conrad Fava ai termini tal-arikolu 412D tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghal kura Psikjatrika u Psikologika ghal tul ta' tlett(3) snin.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**